MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Numru 978/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
v

**NICOLA CHIRCOP**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NICOLA CHIRCOP** ta' hamsa w hamsin sena iben Giuseppe u Emanuela nee Grech, imwieled Naxxar fl-erbatax ta' Settembru 1948 u residenti 14, 'Mayday' Triq l-Bjad, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita` numru 793848M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bhala proprjetarju u/jew amministratur tal-fond Boathouse numru 14, Tax-Xtut, Qawra fit-tnejn ta' Awissu 2003 u/jew fix-xhur ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li

kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kwantita ta' ilma ghad-dannu tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bl-ammont li ma jeccedix l-elf lira Maltin.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta' Novembru 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali u dan kif jirrizulta mill-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tnax ta' Jannar 2005.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004 esibit fl-atti kif wkoll r-relazzjoni tal-espert tekniku Horace J. Anastasi esibita seduta stante nhar t-tnax ta' Jannar 2005 markata bhala dokument HJA.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tnax ta' Jannar 2005, u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tnax ta' Jannar, 2005.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante u l-fatt li l-imputat hallas parti kbira mis-somma dovuta minnu lil

Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma kif jirrizulta minn dak verbalizzat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-tnax ta' Jannar 2005, tant li llum il-gurnata il-bilanc dovut minnu mis-somma ta' erbgha mija sitta w hamsin lira u erbgha w erbghin centezmu kif indikat fid-dokument Z esibit mill-Prosekuzzjoni, huwa biss ta' mitt lira maltin.

**Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 264(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat NICOLA CHIRCOP hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------